KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ĦDAX

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2002 fil-5.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier (6.20pm) |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

*Il-Kunsillier Reno Chircop kien skużat għall-ewwel siegħa tal-laqgħa għaliex kien qiegħed jirrappreżenta lill-Kunsill fil-laqgħa imtella' mill-Kunsill Malti għall-Isport.*

AĠENDA

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Żjara Cassino - Diskussjoni Dwar Il-Ġemellaġġ.
4) Rapport Sotto Kumitat Proġetti / Infrastruttura.
5) Rapport Sotto Kumitat Edukazzjoni.
6) Sejħa ta' Offerti.
7) Kalendarju 2002 / 2003.
8) Approvazzjoni Magazine tal-Kunsill 2003.
9) Talba mis-Senglea Athletics F. C. Youth Nursery-Ground tal-Ponta.
10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-Ordnijiet ta' Pagamenti.

## 11 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

11.(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem con il-Minuti kif ġew ippreżentati.

## 11(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

*11.(2).1 Kors Aquarium (02 / 10 / 2002)*

Saret laqgħa mas-Sur Stephen Mifsud f'Isem il-Kumpanija Aquarium Hobbies, fejn ġie ssuġġerit li ssir laqgħa għat-tfal (minn 7 snin 'il fuq) flimkien mal-ġenituri tagħhom. L-għan ta' din il-laqgħa huwa li jibdew isiru korsijiet b'xejn fil-Kunsill dwar Iż-żamma tal-Aquariums. Ser jintbagħtu fliers fid-djar min-naħa ta' din il-Kumpanija.

*11.(2).2 Sala San Mikiel (03 / 10 / 2002)*

Saret laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, f' Auberge de Baviere dwar dan is-suġġett. Barra s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti , Saviour Micallef, uffiċjal mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Ġie suġġerit biex Iċ-Chairman tal-Kunsill tat-Tarzna jinforma lid-Dipartiment ta' l-Artijiet li huma qed jaqblu fil-prinċipju li jgħaddu din is-Sala lill-Kunsill Lokali ta' l-Isla permezz ta' devoluzzjoni.

Issemmew ukoll it-trasferiment lill-Kunsill ta' l-imħażen fix-Xatt kif ukoll tal-Fond f'Misraħ 4 ta' Settembru.

*11.(2).3 Advance Road Management (04 / 10 / 2002)*

Ġie diskuss x'għandhom joffru f'dak li hu Road Markings u Traffic Control. Għandhom jibagħtu aktar tagħrif dwar is-servizzi li qed joffru.

*11.(2).4 October Fest - Rabat, Mdina (06 / 10 / 2002)*

Fuq stedina mill-Kunsill Lokali Rabat (Malta) is-Sindku attenda għal ċelebrazzjoni kommemorattiva tal-Patri Emmanuel Vitale, wild Rabti b'konnesjonijiet fl-istorja ta' l-Isla.

*11.(2).5 Sagħtejn bejn il-Ħbieb (08 / 10 / 2002)*

Saret attivita' soċjali u edukattiva għall-anzjani fis-Sala tal-Kunsill mis-Sotto Kumitat Familja u Anzjani. Waqt din l-attivita' l-anzjani kienu ndirizzati minn rappreżentanta ta' l-Aġenzija Sedqa.

*11.(2).6 Din l-Art Ħelwa (09 / 10 / 2002)*

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħa mal-President u s-Segretarju Ġenerali tal-organiżazzjoni Din l-Art Ħelwa. Sar bdil ta' idejat dwar il-qagħda tal-wirt storiku u kif dan qed jintlaqat fil-lokal. Saru suġġerimenti kif jista jsir front wieħed fejn ikun hemm bżonn.

*11.(2).7 Sotto Kumitat Proġetti u Infrastruttura ( 09 / 10 / 2002)*

Dan is-Sotto Kumitat għamel laqgħa biex jiddiskuti s-sitwazzjoni fi Triq il-Kurċifiss, Triq il-Vittmi tal-Gwerra u ħwejjeġ oħra.

*11.(2).8 Laqgħa Pubblika - Malta Environment & Planning Authority (11 / 10 / 2002)*

Is-Sindku u l-Viċi Sindku attendew għal-laqgħa pubblika fil-MEPA, dwar il-Fuel Station u l-Club House fl-Isla.

Wara li nstemgħu il-fatti kolha ġie komunikat li l-Fuel Station u l-Club House ġew rifjutati. Jidher li fuq in-nmaħ ta' l-Isla mhux ser isir xejn.

*11.(2).9 Ftuħ ta' Tenders (14 / 10 / 2002)*

F'nofsinhar infetħu t-tenders li l-Kunsill kien ħareġ għall-pubbliku.

BR-4 / CM-4 / RC-4 / PKG-4.

Preżenti għall-ftuħ ta' dawn it-tenders kien hemm s-Sindku Joseph Casha, l-Kunsilliera Mario Mizzi u Reno Chircop flimkien mas-Sinjura Elizabeth Grech f'isem is-Segretarju Eżekuttiv minħabba li kien bil-vacation leave.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Victor Borg wieħed mill-kuntratturi li tefgħu l-offerti, preżenti wkoll kien hemm membri mill-Koperattivi Ndafa Pubblika li tefgħu l-offerta tagħhom.

Wara li ġew pubblikata kif kienu l-offerti s-Sindku nforma lil dawk preżenti li dawn l-offerti jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

*11.(2).10 Protection 2002 (16 / 10 / 2002)*

Is-Sindku u l-Kunsillier Reno Chircop attendew is-Seminar "Protection 2002" li ittellgħet f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Dan is-seminar kien dwar is-safety equipment u fire prevention, l-organiżaturi kienu Alberta Ltd.

*11.(2).11 Jum il-Kottonera ( 16/ 10 / 2002)*

Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret fil-Kunsill Lokali ta' Bormla, dwar is-suġġett imsemmi, Ġie ffurmat kumitat biex imexxi dan il-Proġett.

*11.(2).12 Aġenzija Sedqa ( 17 / 10 / 2002)*

Ġiet organiżżata konferenza minn Sedqa dwar "Droga u Alkoħol fil-Kommunita" fil-lukanda New dolmen fuq firxa ta' jumejn. Minħabba impenji oħra s-Sindku attenda għall-ewwel ġurnata biss.

*11.(2).13 Seminar Sindku / Viċi Sindku (18 / 19 / 10 / 2002)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar attendew għal dan is-seminar li sar ġewwa l-Imġarr Hotel, Għawdex. Dan is-seminar ġie organiżżat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Malta).

Waqt dan is-seminar ġew diskussi dawn il-punti :

- Immaniġġjar ta' l-iskart mid-djar u kif il-poplu ser jiġl edukat.
- Il-ħruġ ta' permessi għall-attivitajiet mill-Kunsill fil-lokal u ll-effett tat-tħaddim tagħhom.
- Ir-responsabbiltajiet ġodda li qed jiġu mitfugħa fuq il-Kunsilli Lokali.
- Ħaddiema tal-Gvern assenjati mal-Kunsilli Lokali.
- Rapport dwar ICT u WP miġbura mis-Sur Claudio Grech fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali.

Inagħta tagħrif dwar l-introduzzjoni tal-Egovernment fil-lokal u kif dawn ser jiġu mplimentati.

Saru wkoll diskussjoni mal-Kelliem ta' l-Oppożizzjoni għall-Kunsilli Lokali l-Onor. Charles Mangion kif ukoll mal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali l-Onor. Austin Gatt.

*11.(2).14 Ħlasijiet fil-Kunsll*

Il-Kunsill jikkonferma l-proċedura li qed tintuża fil-preżent li kull ħlas li jsir fl-Uffiċċju tal-Kunsill f'dik li huma kontijiet tat-telefon, ħlas ta' liċenzji, ħlas ta' kirjiet tal-Gvern u ċitazzjonijiet, il-pubbliku jrid ikollu l-ammont tal-ħlas eżatt. Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħti bqija lil dawk li ma' jħallshux eżatt skond il-kont ppreżentat.

Għandhu jinħareġ avviż.

*11.(2).15* Ġie propost li fil-laqgħa li jmiss jingħata rendikont tas-sitwazzjoni finazjarja tal-Kunsill.

*11.(2).16 Korrispondenza*

Kopja tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-10 u t-18 ta' Ottubru 2002 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1175/02* Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku - Press Release dwar il-ftehim milħuq biex Bus Route 22 tibda mill-Isla flik minn Bormla. Kif ukoll is-Servizzi għall-isptar żdied filgħodu wkoll. Dan qed isir wara li saret talba mill-Kunsill għal dan.

*04/1780/02/I* Insurance għall-Uffiċċju tal-Kunsill

Saret reviżjoni tal-ħlas fl-insurance tal-Uffiċċju tal-Kunsill minħabba li issa l-Kunsill qed jopera minn uffiċċju akbar u aħjar fi Triq San Ġużepp kif ukoll għall-istreet furniture.
L-ammont ta' ħlas huwa dak ta' Lm 649.50.

*04/1778/02/I* *Clean Up the World*

Il-Kunsill bi ħsiebu jieħu sehem f'din l-attivita' li ser issir bejn il-25 u s-27 ta' Ottubru 2002 .

*04/1804/02/I* *Skema ta' Saħħa*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed jindika li din l-iskema ma' tinkludhiex il-familjari tal-Kunsillier.

*04/1812/02/I* *Queen's Own Band Club*

Il-Queen's Own Band Club kitbu lill-Kunsill dwar il-programm ta' l-Akkademja Mużikali li ser isir fit-23 ta' Novembru 2002. Din l-għaqda pproponiet lis-Sur John Bonello u lis-Sur Louis Henwood biex jieħdu sehem fis-Seminar ta' l-AĠenzija Sedqa imtella' mill-Kunsill.

*04/1814/02/I* *Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori*

Din l-Għaqda tablet biex issir laqgħa magħhom. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir.

*Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ*

Intabgħtet informazzjoni lill-Kunsill dwar servizz ta' għajnuna ġenerali offrut lill-Għaqdiet.

*04/1819/02/I* Il-Kunsill aċċetta biex issir kontinwazzjoni tal-Kors tal-Parċmina għal 10 (għaxar) lezzjonijiet oħra.

*04/1845/02/I* Il-Kunsill ġie mistieden għal Cultural Heritage mill-Ministru Louis Galea (25/20/02)

*04/1865/02/I* Talba għal għajnuna mill-Familja Fenech minħabba l-każ ta' binhom.

*04/1896/02/I* *Fond f'Misraħ 4 ta' Settembru*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali nforma lill-Kunsll li dan il-fond ser jiġi devolut lill-Kunsill Lokali fi żmien qasir.

*04/1880/02/I* Il-Kunsill irċieva ittra rigward il-parking fuq il-bankina fi Triq San Lawrenz u fi Triq il-Kurċifiss.

Il-Kunsill wieġeb li ħadd ma' għandhu dritt li jiżgombra d-dħul ewlieni għad-djar tar-residenti.

*04/1882/02/I Sena Ewropeja għall-Persuni B'Diżabilita'*

Il-Kunsill ġie mgħarraf bl-inizjattivi li ser jittieħdu fis-sena li ġejja.

*04/1883/02/I Implimentation Packaging of Waste Management*

Il-Kunsill ppropona lill-Viċl Sindku Walter Ahar bħala r-rappreżentant tal-Kunsill biex jieħu sehem f'workshops li jistgħu jiġu organiżżati.

## 11(3) Żjara Cassino - Diskussjoni dwar il-Ġemellaġġ

Tkomplew il-preparamenti għaż-żjara tal-Kunsill ġewwa Cassino fl-Italja biex jiġi finaliżżat dan il-ġemellaġġ.

Sar qbil li ftit wara li jiġi lura, l-Kunsill jorganżża laqgħa pubblika biex jagħti tagħrif ta' dak li jkun sar.

## 11(4) Rapport Sotto Kumitat Proġetti / Infrastruttura

Sar stħarriġ dwar xogħol li meħtieġ isir fi Triq il-Kurċifiss kif ukoll dwar Bus Shelters karatteristiċi. Aktar tagħtif jinsab fl-minuti (mehmuża) ta' dan is-Sotto Kumitat.

## 11(5) Rapport Sotto Kumitat Edukazzjoni

Billi dan is-Sotto Kumitat għadhu ma' ltaqax wara l-bidla li kienet saret, rapport għandhu jitressaq aktar il-quddiem.

## 11(6) Sejħa ta' Offerti

Il-Kunsill qabel li l-bord ta' l-Għażla għandhu jkun magħmul mill-Kunsill kollu flimkien mas-Sur Arthur Napier u s-Sur Pio Mangion.

Sar qbil li dan il-bord ta' l-għażla għandhu jiltaqa' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2002 fis-6.00pm biex jistħarreġ u jevalwa l-offerti mitfugħa.

## 11(7) Kalendarju 2002 / 2003

Il-Kunsill qed jaħdem biex isib sponsors għal pubblikazzjoni tat-2 kalendarju storiku kif kien inħareġ għas-sena 2002. Jidher li sa issa dwak li lesti joffru li jgħinu huma l-Cottonera Waterfront Group, l-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera, s-Senglea Social Club, l-Bank Of Valletta-Bormla, Marshall.

## 11(8) Approvazzjoni Magazine tal-Kunsill 2003

Il-Kunsill qabel li għas-sena li ġejja joħroġ il-Magazine tal-Kunsill darbtejn fis-sena f'Jannar u f'Diċembru 2003 fuq bażi ta' 12 leaf b'full colour fil-paġna ta' quddiem.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada ġiet assenjata biex tieħu ħsieb il-printing ta' dan il-Magazine.

## 11 (9) Talba mis-Senglea Athletics F. C. Youth Nursery-Grawnd tal-Ponta

Saret talba minn din l-Għaqda tal-football biex isiru rifletturi fil-grawnd tal-football tal-Ponta.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada offriet li titlob l-għajnuna tas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni biex isiru dawn ir-rifletturi.

## 11 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop
l-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li kienu jammontaw għal Lm 8, 126.89ċ mill-fond ġenerali tal-kunsill.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fid-9.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

---

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |